*iqejjes u jgħallem kif jinbnew u jintrabtu u jiżżewqu n-noti mużikali, hekk l-istudju tal-filoloġija jaqdi ta' xempju biex fuqu jingħażel il-kliem tajjeb u xieraq ħalli jfisser sewwa l-fehma jew ir-rieda ta' min jikteb jew jitkellem.*

*Għalhekk qabel ma jkun hemm studju għaqli u meqjus fuq il-filoloġija tal-kliem, ma tistax tissawwar letteratura ta' ġmiel b'mezz ta' dak il-kliem.*

*Hawn Malta l-ħtieġa ta' dan l-istudju tan-nisel ta' lsienna, ilha li nħasset mijiet ta' snin; bdiet fis-seklu tmintax, meta l-Kanonku Ġan Pietru Franġisku Agius De Soldanis fil-ktieb tiegħu* (1) *qal :* "...essendo pochi coloro, i quali ne abbiano datu un qualche barlume ne' loro scritti, sufficiente ad appagare, non che la piena intelligenza della sua derivazione, donde ha tutti i suoi principii."

*Wara Agius De Soldanis dik il-ħtieġa baqgħet tinħass sa żmienna, iżda tneħħi xi erba' li dan l-aħħar intefgħu għal dan ix-xogħol skond kif titlob is-sengħa, il-biċċa l-kbira ta' dawk li ħabblu moħħhom fuq din ix-xjenza ma kellhomx it-tagħlim u t-tagħrif meħtieġ biex jidħlu għal dan ix-xogħol ta' reqqa u hekk dan is-suġġett ma kienx* "treated with the scientific fairness it deserves..." *kif kiteb sewwa l-Professur J. Aquilina* (2).

*Hekk ġara li għalkemm għandna bosta kotba dwar studji filoloġiċi ta' l-ilsien Malti, ftit huma x-xogħlijiet li wieħed jista' jorbot fuqhom. Il-Professur Aquilina, il-Professur Saydon, l-Avukat Ġ. Micallef, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Erin Serracino Inglott, kollha Membri Akkademiċi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", kitbu fuq dan is-suġġett bil-għaqal u skond ma titlob ix-xjenza tal-lum u x-xogħlijiet tagħhom ma jagħmlux għajb lill-opri ta' awturi magħrufin mad-dinja kollha.*

*"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li dejjem fittxet il-ġid u s-sedqa ta' l-ilsien tagħna, qatt ma baqgħet lura li ma wrietx ħrara kbira biex tħeġġeġ u tagħmel il-qalb lil min jitħajjar jintafa' għal dan l-istudju ta' din ix-xjenza tant meħtieġa għall-iżvilupp tal-lsien Malti u b'din il-fehma f'dan il-għadd ta' l-organu tagħha qiegħda tippubblika kontribuzzjonijiet fuq studji filoloġiċi u etimoloġiċi.*

---

(1) "*Della Lingua Punica...*" Roma, MDCCL.
(2) Prof. J. Aquilina—"*Race and Language in Malta*" 1945, paġ. 3.



*Ix-xewqa tagħna hi li nagħmlu l-ħila lil min jixtieq u jitħajjar jintafa' għall-istudji xjentifiċi tal-Malti, għax dawn jinħtieġu biex iqiegħdu fuq sisien aktar sħaħ il-bini tal-letteratura tiegħu. Għax fuq kollox jeħtieġ nifhmuha li min jistudja l-filoloġija jew l-etimoloġija jagħmel ġieħ u ġid lil-letteratura nazzjonali daqs min jikteb poeżija.*

---

## IL-QUĊĊIJA

### *Ta'* ĠER. AZZOPARDI

It-twelid huwa ħaġa għażiża għalina l-bnedmin il-għaliex hu l-bidu ta' ħajjitna, għalhekk min b'mod u min b'ieħor jiftakar ta' kull sena f'għeluq sninu.

Naħseb li ma nkun qed ingħid xejn ħażin meta ngħid li l-Ingliżi huma l-iżjed nies li jieħdu ħsieb il-*Birth Day* tagħhom. Ewlieni f'din il-festa familjari jkun il-*Birth Day Cake* b'għadd ta' xemgħat imdeffsin fih daqs il-għadd tas-snin ta' l-individwu, li għalih ikun qiegħed isir dan il-għeliem ta' ferħ, u li dan jitfi fost iċ-ċapċip u ċ-ċekċik tat-tazzi.

Did-drawwa daħlet ġmielha fostna l-Maltin, iżda aħna l-Maltin għandna waħda li nistgħu ngħidu li hi tagħna waħedna. Din hija msejħa l-*Quċċija* u ssir darba biss — meta t-tarbija jkollha sena.

Il-ġenituri jheġġu fuq mejda xi ktieb, lapes jew pinna, kuruna, bajda, xi munita, imqass u ħwejjeġ oħra. L-omm tressaq lit-tarbija fejn tilħaqhom u dawk kollha li jkunu hemm, aktarx xi qraba u ħbieb, jaraw x'jaqbdu u jżommu dawk l-idejn ċkejkna u ħelwin.

Jekk it-tarbija taqbad il-ktieb jew il-pinna, it-tifel jew tifla jkun studjuż; jekk il-kuruna jsir reliġjuż, qassis, patri jew soru; jekk jaqbad il-bajda jfisser li daru tkun mimlija daqs bajda, jiġifieri jkun għaqli; jekk il-munita ssaħħru jkun aktarx iħobb il-flus ftit iżżejjed jew jagħtiha għan-negozju; l-imqass ifisser ħjata, u allura t-tifla tkun moġbra tad-dar.

B'dan, ix-xjuħ tagħna kienu donnhom iridu jobsru x'sa jsir fit-mit-tarbija, u nifhem li kienu jinqdew biha biex jekk jaraw fit-tarbija xi ġibda mhix għaqlija huma mill-ewwel iżommu r-riedni billi kienu jemmnu wisq li l-jum minn filgħodu juri xinhu.